MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2013

Numru. 116/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs.**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **omissis**, ta' sittax (16) il-sena, iben Salvatore Privitera u Claudia neé Pisani, imwieled Pieta' nhar it-30 ta' Mejju 1996 u residenti gewwa Casa Clauan, Triq il-Qanpiena, Birkirkara, Malta u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 228996(M), akkuzat talli nhar l-4 ta' Jannar 2013 u fix-xhur ta' qbael gewwa dawn il-Gzejjer:

1. mexxa biljett tal-flus falsifikat meta kien jaf li hu falsifikat hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 45(1) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu biljett tal-flus falsifikat meta kien jaf li l-istess huwa falsifikat kif ikkontemplat fl-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. fl-4 ta' Jannar 2013, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel, jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' anqas minn mitejn, tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (Euro 232.94) ghad-dannu ta' Elia Grixti u/jew persuni ohra kif kkontemplat fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, jekk filwaqt tal-procedimenti kriminali, tqis il-htiega li tordna l-qirda tal-bijetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta' Malta, u ghandha, jekk u skont ma jista' jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 50(3) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 106) datata 20 ta' Novembru 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

a) Artikolu 45(1) tal-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta, Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Artikolu 46 tal-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta, Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Artikolu 50(3) tal-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta, Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-2 ta' Dicembru 2013, gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-20 ta' Novembru 2013, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2013 u fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nfitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, il-fedina penali (Dok. "DB 5" – *a fol.* 20) tal-imputat (li hija wahda nadifa) u kif ukoll il-fatt li l-imputat kellu 16-il sena meta

kkommetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant ghandu jigi applikat Artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-20 ta’ Novembru 2013 (*a fol.* 106) u senjatament Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikoli 45(1), 46 u 50(3) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta, u kif ukoll Artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat omissis hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta’ l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lill-imputat omissis taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tlitt (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma’ din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputat omissis bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma’ din is-sentenza u li f’kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma’ dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b’din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* moghti b’Digriet ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputat omissis.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti f’dawn il-proceduri *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f’dawn il-proceduri.

Finalment, in segwitu ta’ dak li xehed Adrian Bonello (mill-Bank Centrali ta’ Malta) fis-seduta tat-22 ta’ Lulju 2013 fir-rigward ta’ Dok. “DB 7” (*a fol.* 22), il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta’ tali dokument taħt il-ħarsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------